



# Tislima liż-żewġ membri onorarji Vincent Debono u John Pisani

Vincent Debono, jew kif aktar nafuh fostna Ċensu, Ta' Kejli, għadda għal ħajja aħjar nhar it-22 ta' Novembru 2021 fl-età ta' 84 sena. Ċensu kien bniedem umli u ġeneruż, u dejjem għen mill-aħjar li seta' meta kien mitlub jagħti l-għajnuna tiegħu. Kien benefattur kbir tal-Għaqda Mużikali Imperial.

Fil-bidu tas-snin tmenin meta l-kumitat ta' dak iż-żmien kien iddeċieda li jibni l-każin mill-ġdid, Ċensu kien strumentali biex il-ħolma ta' ħafna membri u ammiraturi tal-Banda Imperial li jkollhom każin modern issir realtà. Ftit tas-snin wara, lejn il-bidu tas-snin disgħin, il-kumitat li kellu t-treġija tal-għaqda kien iddeċieda li tinbena sala għall-użu tal-banda. Ċensu flimkien ma' wliedu daħlu għal dan l-impenn mingħajr ma talbu l-ebda ħlas. Minbarra dan, Ċensu dejjem għen lill-Każin Imperial mill-aħjar li seta' kull meta kienet meħtieġa l-għajnuna tiegħu.

Ċensu kien kburi immens bil-Banda Imperial. Minkejja li kien ikun impenjat bis-sħiħ, lil Ċensu kont dejjem issibu fuq quddiem, jakkumpanja l-Banda Imperial mal-marċi fil-jiem tal-Festa – il-banda li tant kien iħobb.

John Pisani twieled il-Mellieħa. Missieru Wiġi, magħruf bħala Wiġi, Ta' Pisani, għamel żmien bil-bottegin tal-Għaqda Mużikali Imperial. Kien propju minn hawn li John xettel l-imħabba kbira li kellu għall-Għaqda Mużikali Imperial. Aktar tard il-familja Pisani, bħal ħafna Maltin oħra, emigrat lejn Melbourne l-Awstralja. Minkejja dan, l-imħabba li kellu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial ma naqset qatt! John kien benefattur ġeneruż tal-Għaqda Mużikali Imperial. Dejjem kont issibu minn tal-ewwel biex jgħin mill-aħjar li jista' meta ssir xi inizjattiva ta' ġbir ta' fondi b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial mill-emigranti Melleħin. L-għors tiegħu kien biex iħeġġeġ lill-emigranti bħalu jgħinu mill-aħjar li jistgħu waqt il-festin li jsir għalihom fil-jiem tal-festa.

John ġie kemm-il darba Malta għall-vaganzi biex flimkien magħna jiċċelebra l-festa ta' Marija Bambina. Mingħajr l-iċken dubju, il-festa tal-Vitorja kienet l-isbaħ żmien għal John. Meta kien ikun fostna, ta' kuljum kien jinżel sal-kazin biex jiltaqa' u jgħid kelmtejn mal-ħbieb. Kien sostenitur kbir tal-Banda Imperial u kien jakkumpanjaha fid-diversi servizzi li tagħmel matul is-sajf. Meta l-Banda Imperial telgħet iddoqq f'Bari, l-Italja, f'Settembru tal-2015, John kien tela' wkoll biex jagħti l-appoġġ tiegħu fejn u kif meħtieġ.

John ħalla din id-dinja nhar is-6 t'Awwissu 2022 f'Melbourne, l-Awstralja, fl-età ta' 78 sena.

Nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familji u ħbieb ta' dawn iż-żewġ membri onorarji u ħbieb tal-Għaqda Mużikali Imperial.

Farmer's Fresh
Green Grocer

Fresh Fruit & Vegetables Daily
78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599
Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm
Free Deliveries